MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 57/2003/1

**Gaby Schanzlin**

**vs**

**Joe u Maryrose konjugi Vella u b'sentenza preliminari tat-30 ta' Settembru 2003 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` kummercjali Hotel Timeshare Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex intom konvenuti m’ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta’ elf u sitta u sebghin lira Maltin **(Lm1067)** liema ammont gie sottrat minghand l-attrici b’qerq u bi frodi u li huwa pretiz ghal servizzi li la qatt gew rezi kif ukoll lanqas l-attrici kif ukoll shabha li kienu qeghdin maghha la qatt ftehmu fuqhom maghkom u lanqas iridu li jkunu rezi oltre l-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti.”

Ra r-risposta tal-konvenuti:

“B’mod preliminari illi l-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi tal-attur.

Bla pregudizzju ghas-suespost illi t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u huma biss tentattiv minnu maghmul sabiex jiehu “free holiday” minn fuq dar il-konvenuti.

Ghalhekk it-talba maghmula mill-attur hija ghal kollox frivola u vessatorja.

Bl-ispejjes.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza:

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”

Sema l-provi u fela d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal huwa rinfaccjat b’zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin f’hafna aspetti izda l-

iktar importanti u centrali ghall-kontestazzjoni huma s-segwenti:

1. L-attrici tghid li ghamlet il-booking tramite MCM li hija agenzija Germaniza- haga michuda mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawza. Konsegwentement l-attrici ssostni li hija hallset lill-MCM ghall-akkomodazzjoni bazika. Meta waslet il-lukanda ftehmet mas-sid li tiehu s-servizz ta' half board u xi utilitajiet ohra, bil-prezz addizzjonali ta' LM476. Hija tghid li ffirmat in bjank fuq formola, speci ta' *check-in card,* in bjank; il-konvenut hadilha l-credit-card u addebitalha l-ammont ta' 1076 minghajr indikazzjoni f'liema denominazzjoni kienet din il-figura. Dak il-hin ghamlet ezercizzju matematiku mentali u kkonkludiet li l-figura ta' 1076 kienet fid-denominazzjoni Euro ghax approssimament issarraf f'LM476. Sussegwentement indunat bl-izball izda l-konvenut irrifjuta li jirrifondilha l-ammont zejjed li hadilha. Ikkuntattjat lill-MCM li da parti taghhom ikkuntattjaw lill-konvenut permezz tal-e-mails esibiti. Il-konvenut isostni li ma kellu x'jaqsam xejn mal-MCM u li kkuntratta direttament mal-attrici. Rinfaccjat bl-e-mails, isostni li dawn huma foloz u ffabbrikati. Jichad li l-attrici ffirmat in bjank u jecepixxi fir-risposta tieghu li l-attrici riedet takkwista vaganza b'xejn.

2. L-attrici tghid li fuq l-internet il-lukanda kienet irriklamata bhala five-star hotel u b'certi amenitajiet – u in sostenn ta' dan tipproduci kopja tar-riklam. Il-konvenut ma jghidx li din ukoll falza, imma jesebixxi *certificate of compliance* rilaxxjat minn Hutchinson & Co Trust Company Resort. Dan ic-certifikat ma jismentix dak li qed tghid l-attrici, u ma jippruvax li l-lukanda hija five-star. L-iktar haga facli li kieku veru l-lukanda hija five-star kienet tkun li jesebixxi c-certifikat rilaxxjat mill-awtorita' kompetenti.

3. Jirrizulta wkoll li wahda mill-kmamar kellha t-tbajja mal-hitan ghax kien hemm *leak* tal-ilma.

Rinfaccjat b'zewg verzjonijiet hekk opposti, it-Tribunal ghandu l-kompitu li jara liema verzjoni hija l-iktar wahda verosimili. Issa min-naha l-wahda, l-attrici – li giet mill-

Germanja darbtejn biex taghti d-deposizzjoni taghha - xehdet b'mod konsistenti u dak li qalet huwa kkorroborat mid-dokumenti minnha esibiti.  Min-naha l-ohra, il-konvenut u l-kjamat in kawza rinfaccjati b'dokument li juri li giet skambjata korrispondenza bejnhom u l-MCM – u li allura tikkontradici l-verzjoni taghhom li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-MCM – eccepew li dawn kienu ffabbrikati.  Allura kellhom l-oneru li jippruvaw huma li dawn kienu ffabbrikati – haga li fil-fehma ta' dan it-Tribunal manifestament naqsu milli jaghmlu.  L-allegazzjoni tal-falsita' u fabbrikazzjoni hija wahda serja, u trid tigi sostnuta bi provi inekwivoci, serji u skjaccanti li jippruvaw b'mod posittiv il-falsita'.  Hemm imbaghad ir-*reservation card* esibita a fol 97 tal-process li turi l-ittri 'MCM' mghottija bil-kelma "Direct".  Mhux minn lewn id-dinja li lukandier imur ghandu klijent direttament – skond kif qieghed jghid il-konvenut li ghamlet l-attrici – u bi zball jikteb l-isem ta' *tour operator* li skond l-istess lukandier ma kellu ebda negozju ghaddej mieghu.

Ghalhekk it-talba tal-attrici tinstab sufficjentement ippruvata.  Billi jirrizulta li l-attrici uzufruwiet mis-servizz extra tal-lukanda billi hi u min kellha maghha kielu hemm darba, u probabilment utilizzaw xi servizzi zghar ohra extra; it-Tribunal qieghed arbitrio boni viri jnaqqas is-somma ta' mitt lira Maltija (LM100) mill-ammont pretiz mill-attrici.

Jirrizulta inoltre li l-konvenuti ma kinux qeghdin jikkuntrattaw f'isimhom proprju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju;  jilqa' t-talba attrici fil-limitu fuq indikat u ghaldaqstant jikkundanna lis-socjeta' kummercjali Hotel Timeshare Limited  kjamata fil-kawza biex thallas lill-attrici s-somma ta'  LM976 ammont sottratt indebitament; bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tal-kjamat fil-kawza."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` msejha fil-kawza. L-aggravju principali taghha jikkonsisti fi kritika ta' l-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal. Hi tissottometti li, konsimili ghal kaz ta' l-attrici, ix-xhieda taghha kienet ukoll konsistenti. Tikkontendi, imbaghad, li dwar il-konstatazzjoni ta' l-*e-mails* l-prova dwar l-awtenticita` taghhom kienet tispetta lill-attrici. Tghid ukoll li t-Tribunal ghamel asserzjonijiet gratuwiti dwar certi aspetti u li inoltre, f' kull kaz, l-uzu ta' l-arbitriju adoperat mit-Tribunal kellu jwassal biex mis-somma reklamata r-riduzzjoni kellha mill-anqas tkun terz;

Fir-risposta taghha l-attrici ssostni li gie provat minnha l-allegazzjoni tal-frodi u qerq adoperat mill-appellanti fil-konfront taghha. Din il-prova giet minnha sostenuta b' dokumentazzjoni li turi wkoll li l-*e-mails* originaw minghand il-konvenuti. L-allegazzjoni tal-fabbrikazzjoni taghhom ma gietx korroborata konkretament mill-appellanti;

B' konsiderazzjonijiet preliminari din il-Qorti jidhrilha li ghandha qabel kollox tirregistra s-segwenti:-

(1) Ibda biex b' osservazzjoni ta' natura generali ghandu jinghad li l-appell interpost ma jinvolvi ebda kontestazzjoni dwar xi punt ta' dritt u fil-fatt jikkonsisti merament fi kritika dwar il-valutazzjoni tal-fatti li ghamel it-Tribunal wara analisi tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti u, aktar minn hekk, ta' l-attendibilita` u l-kredibilita taghhom. Valutazzjoni din li wiehed jispetta minn kull min jarbitra fuq il-meritu;

(2) Di regola, allura mhux mistenni li din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba din l-istess valutazzjoni ammenokke` ma tirriskontrax ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinciment li t-Tribunal ma setax ma kienx zbaljat fl-apprezzament li ghamel, u, konsegwentement, kien jenhtieg, ghall-evitar ta' ingustizzja manifesta, illi tissostitwixxi dan l-istess apprezzament b' dak taghha. Ara a propozitu "**Joseph Walker *nomine* -vs- Raymond**

**Pizzuto**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999 u “**Grazio Patiniott -vs- Anthony Cini**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 2001;

(3) Ghandu jigi fuq kollox rilevat illi fil-kaz ta’ procediment quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, si tratta ta’ procedura verament sommarja bi kriterji differenti minn dawk previsti mil-ligi procedurali (Kapitolu 12) u adoperati fil-qrati ordinarji. Ara Artikolu 9 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995;

(4) Huwa minnu illi bl-emenda introdotta bl-Att XXXI ta’ l-2002 inghata dritt ta’ appell lil din il-Qorti fil-kazijiet kollha fejn l-ammont jeccedi l-hames mitt lira [Artikolu 8(3) ta’ l-Att]. Izda, b’ danakollu, wiehed ghandu dejjem izomm in mira illi d-decizjoni tat-Tribunal tigi konfezzjonata principalment skond l-ekwita` (Artikolu 7 tal-Kapitolu 380). Dan ifisser li fl-ezami li jrid jigi kondott ta’ l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm fil-gudizzju maghmul lezjoni tad-dritt ekwitattiv;

Premessi dawn il-preliminari, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi d-decizjoni tat-Tribunal f’ dan il-kaz kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti. Anke jekk, kif argomentat mis-socjeta` appellanti, dak li ntqal mit-Tribunal fil-konfront ta’ l-appellata seta’ japplika wkoll fil-kaz taghha, dan ma jeliminax il-fatt illi fuq ir-rizultanzi istruttorji l-istess Tribunal hass, b’ konvinzjoni, li l-ispjegazzjoni fornita mill-appellata, mix-xhieda u dokumenti prodotti minnha, kienet kollox ma’ kollox, spjegazzjoni li taghmel il-versjoni taghha wahda aktar verosimili u kredibbli minn dik ta’ l-appellanti. Hekk, per ezempju, deherlu li l-esebizzjoni ta’ l-*e-mails* kien argument ta’ piz li jikkorrobora u jsostni adegwatament u sodisfacentement il-versjoni taghha li l-hlas erogat gie sottratt minghandha b’ qerq u bi frodi;

Jekk wiehed kellu jissofferma hawn ghal skop ta’ konsiderazzjoni ta’ dritt *in subjecta* materja, ikollu jinghad

illi, kif drabi ohra ritenut f’ gurisprudenza pacifika, “skond il-ligi l-qerq, *dolus*, hu vizzju tal-kunsens, u meta jigi provat jaghti lok ghall-annullament tal-kuntratt. L-ghemil dolus huwa motiv ta’ nullita` tal-ftehim meta l-inganni maghmulin minn naha wahda mill-partijiet ikun tali li minghajru l-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta. U ghalhekk jehtieg li l-inganni jkunu l-kawza determinanti li tat lok ghall-ftehim li ghaqqad in-negozju.” (**Kollez. Vol. XLII P I p 126**);

Naturalment kull ftehim hu prezunt sincier u ghalhekk jinkombi fuq min jattakkah li jipprova konkludentement il-qerq jew frodi. Dan ghaliex id-*dolo* jew frodi ma huwa qatt prezunt (**Kollez. Vol. XLIX P II p 722**), anke jekk “*a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato è stato l’ effetto di raggiri usati dall’ altra parte.*” (**Kollez. Vol. XXIV P I p 203**);

Anke jekk ma kellhiex ghalfejn tinoltra ruhha f’ dan l-aspett guridiku din il-Qorti hasset il-htiega li hekk taghmel biex tossostanzja l-konkluzjoni stabbilita mit-Tribunal illi dak konfermat mill-attrici appellata kien jikkorrispondi ghas-sewwa u li hi, b’ applikazzjoni ta’ l-enuncjazzjonijiet suddetti, irnexxielha ssostni l-legittimita` u l-fondament tal-pretensjoni taghha;

Issa s-socjeta` appellanti tissolleva b’ ilment il-fatt li kien gravanti fuq l-appellata li tipprova l-allegata fabbrikazzjoni ta’ l-*e-mails* ventilata minnu. Dan hu spropozitu guridiku ghall-ahhar. Dan ghas-semplici raguni illi jekk hi kkontraponiet tali allegazzjoni, kif artikolata minnha, hi kienet fl-obbligu li tforni dimostrazzjoni sodisfacenti, fis-sens ta’ l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12, tal-fatt hekk allegat minnha. In-nuqqas ta’ prova simili jaghmel li l-allegazzjoni taghha tibqa’ wahda insufficcjenti u effimera;

Fl-ahharnett kwantu ghal-lanjanza li l-ammont mitlub kellu jitnaqqas b’ terz din il-Qorti hi tal-fehma li in bazi ghall-principju ta’ l-ekwita` u fin-nuqqas ta’ mezzi probatorji t-Tribunal sewwa ffissa r-riduzzjoni *ex aequo et bono*. Ghalhekk ma ssibx li ghandha ticcensura lit-Tribunal lanqas f’ dan il-kuntest.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------